**ĦAL TARXIEN**

**KUNSILL LOKALI TARXIEN**

**Minuti Laqgħa Nru. 22/06**

* **Il- laqgħa Nru 22/06 tas-Sitt Amministrazzjoni** Data u hin
**saret nhar il-Ħamis 16 ta' Settembru 2010 fis-5.50pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi**
**f'73, Triq Santa Marija, Tarxien.**

** **Preżenti għal-Laqgħa:**

| | |
|---|---|
| **Kav. P. Farrugia** | **Sindku** |
| **Is-Sur F. Agius** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur L. Bonavia** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. D. Vella** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur K. Darmanin** | **Kunsillier** |
| **Is-Sinj. C. Lanzon** | **Kunsilliera** |
| **Is-Sur M. L. Mallia** | **Segr. Eżekuttiv** |

**Is-Sur I. Dalli kien assenti.**

*** **Is-Sur P. Farrugia qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**1.0** *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 21/06 (23/08/2010)*

**1.1** Peress li l-Minuti tal-Laqgħa Numru 21/06 tat-23/08/10 ġew iċċirkolati minn qabel, is-Sindku staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab lill-Kunsill jekk kienux korretti.

**1.2** Il-Kunsill approva l-Minuti nem. con. li ġew iffirmati mis-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-paġni kollha tal-Minuti ġew inizjalati wkoll minnhom.

## 2.0 *Komunikazzjoni mis-Sindku*

**2.1** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li *r-remote control* għall-apparat ta' deterrent biex jiġi installat fi Ġnien Ovindoli issa wasal. Ser jingħata kollox lill-Nexos biex jinstallawh. Ġnien Ovindoli

*(Is-Sur L. Bonavia attenda għal-laqgħa fis-5.55pm filwaqt li skuża ruħu għad-dewmien).*

**2.2** Is-Sindku rrefera għar-rapport ta' GREENPAK dwar it-tqassim tal-boroż għall-iskart magħżul fejn qed jgħidu li qassmu 1362 filwaqt li 3668 ma kienux id-dar. Dan it-total ta' 5031 żgur mhux in-numru ta' djar f'Ħal tarxien li hu ftit iżjed minn 3000. GREENPAK

**2.3** Is-Sindku qara ittra mibgħuta minn TM dwar irregolarita' fit-tfassil tar-rampa ta' quddiem ir-Rainbows fi Triq San Franġisk. Is-Sindku qal li ser isir ix-xogħol kif approvat mill-MEPA. Rampa

2.3.1 Is-Sindku kompla jgħid li minflok inneħħu r-rampa ser inżidu l-bankina madwar ir-rampa kif kellu jsir oriġinali bid-differenza li flok taraġ u rampa ikun hemm żewġ ranep u bankina..

2.3.1.1 Is-Sinj. D. Vella kkummentat li n-nies tal-flats qed jilmentaw dwar dan.

2.3.1.2 Is-Sindku talabha tagħmel kopja tal-ittra tat-TM u tqassamhom lir-residenti.

**2.4** Dwar l-iskema għar-restawr tal-arma fuq l-Iskola tal-Kindergarten fi Triq l-Iskola, il-Viċi Sindku ikkoreġa li mhux lill-MEPA għandna niktbu imma lid-Direttur MRRA. Restawr tal-Arma

**2.5** Dwar it-talbiet għal "reduced hours" mill-impjegati, il-Kunsill approva unanimament il-kundizzjonijiet għal din il-konċessjoni. (App. 1) Reduced Hours

2.5.1 Is-Sindku kkummenta li l-impjegata Josianne Grech spiss qed tonqos minn dmirha u mhux tagħmel ix-xogħol tagħha kif mitlub minnha. Qegħdin isiru diversi żbalji. Is-Segretarju kkonferma dan billi qal li saħansitra bagħtilhom ittri tat-twissija.

**2.6** L-Attivita' "Epoka Lejla ta' Festi Maltin u Għawdxin" reġgħet ġiet posposta għat 2 t'Ottubru li ġej bit-tema "Tarxien Dance Festival". Din ser tittella' mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Kultura u Armar tal-Festa flimkien mas-Sezzjoni Żgħażagħ Marija Annunjzata. Attivita'

**2.7** Is-Sur Cleavon Vella mid-Dipt. Gvern Lokali talabna b'urġenza biex nippreżentaw l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar l-attivita' "EPOKA" li tagħlaq illum, l-attivita' ser issir bejn is-16 u t-18 ta' Settembru 2011. EPOKA

2.7.1 Għaldaqstant, qal is-Sindku, kellna napplikaw malajr biex nikkwalifikaw għal fondi minn din l-iskema. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

**2.8** Is-Sindku ppropona wkoll, u l-Kunsill qabel unanimament, li napplikaw għall-iskema għall-Malta International Folk Festival li ser isir b'Konsorzju flimkien mal-Kunsill Lokali Żebbuġ (Malta) u l-Kunsill Lokali Bormla. Din l-attivita' ser issir bejn it-28-30 t'a Diċembru li ġej. Malta International Folk Festival

2.8.1 Is-Sindku rrakkomanda u l-Kunsill qabel li, minħabba li din l-attivita' s-soltu ssir fit-toroq tar-raħal, f'każ li t-temp ma jippermettiex issir jew fis-sala tal-Iskola tal-Gvern jew fis-Sala tal-Agostinjani.

**2.9** Għad ma rċevejna xejn mingħand id-Dipt. Gvern Lokali dwar il-każ taż-Żamma tal-Garanzija Bankarja wara l-ittra risposta tal-Kunsill tat-30 ta' Awwissu 2010. Każ : Żamma tal-Garanzija

**2.10** Is-Sindku qal li baqa' jkollna problemi fil-ġbir tal-iskart minħabba tal-ħwienet u u postijiet oħra ta' kummerċ inkluż garaxxijiet. Kompla jgħid li tal-ħwienet qed ipoġġu l-iskart tagħhom fil-kantunieri u quddiem residenzi oħra. Skart

2.10.1 Is-Sindku qal ukoll li l-kuntrattur qal li biex jiġbor ta' kulħadd irid żieda ta' 10% fuq l-offera tiegħu.

2.10.2 Żied jgħid li dwar dan ktibna lill-WASTESERV u kkupjajna lill-Ministru George Pullicino , Dipt. Gvern Lokali u Assoċ. Kunsilli Lokali. S'issa għad ma weġbux.

2.10.3 Is-Sur L.Bonavia ssuġġerixxa li naħdmu pro-rata skont il-volum tal-iskart kummerċjali.

2.10.4 Is-Sindku qal, u l-Kunsill jaqbel, li ninnegozjaw mal-kuntrattur bħala kontinġenza imma f'każ li toħroġ xi skema mill-Gvern Ċentrali nerġgħu napplikaw il-valur oriġinali tal-offerta.

Il-Kunsill qabel nem com.

2.10.5 Il-Viċi Sindku qal li jaqbel li ninfurmaw lill-Entitajiet konċernati li l-Kunsill kien kostrett jasal għal din il-konklużjoni biex ir-raħal ma jkomplix jimtela' bl-iskart ma' kullimkien bħalma qed jiġri.

2.10.6 Ser jintalab rendikont lill-GREENPAK dwar il-volum tal-iskart separat ta' nhar ta' Tlieta u dak miġbur mill-*Bring In Sites*.

2.10.7 Is-Sindku qal minħabba li qed ikollna konflitti bejn ELC u l-Kuntrattur tal-Ġbir tal-iskart domestiku dwar skart mitfugħ fi Ġnien Joanne, qed nibdlu l-bins il-kbar tal-Ġnien ma' oħrajn żgħar biex nevitaw li jintefa' skart mir-residenti.

**2.11** Intbgħatu ittri lill-ESPADON u RAINBOWS dwar l-iskart li qed joħorġu rregolari. Ittri dwar Skart

**2.12** Dwar il-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Sta. Marija, is-Sindku qal li wara li tkellimna mas-Sur Kenneth Gambin fuq proposta tas-Sur Gambin nistgħu nagħmlu *reservoirs* mingħajr ma nqattgħu blat. Għaldaqstant kellna bżonn inġibu *digger* biex inħaffru fil-ħamrija sakemm naslu sal-blat. Fil-fatt ġie mħaffer fond ta' metru u nofs. Proġett Ġnien Santa Marija

**2.13** Dwar il-kuntratt definit tas-Seg. Eżek., li jaħglaq fl-aħħar ta' Ottubru, is-Sindku qal li għad m'għandna ebda risposta definita mingħand id-Dipt. Gvern Lokali ħlief nota mingħand is-Segr. Parlamentari Dr Chris Said li "il-proċess biex tingħata estensjoni miexi u daqt jiġi konkluż". Kuntratt Definit tas-Seg. Eżek.

2.13.1 Sadanittant, kompla s-Sindku, hu talab lil Dr Said biex jagħtih lista tal-*Pool* tas-Seg. Eżek. biex il-Kunsill ma jispiċċax f'daqqa waħda mingħajr Seg. Eżek.

2.13.2 Ser tintbgħat nota lil dawk fil-lista jekk humiex interessati li japplikaw f'każ li jkun hemm vakanza.

**2.14** Dwar il-proġett ta' kisi ta' parti minn Triq Birbixkilla, is-Sindku qal li l-Perit pprepara l-applikazzjoni għad-Dipt. tal-Artijiet u l-MEPA. Triq Birbixkilla

**2.15** Dwar l-ittri lill-fornituri biex jibgħatu l-irċevuta tal-VAT, wieġbu 22 minn 30. VAT

**2.16** Dwar il-bilanċ ta' €3388.46 dovuti lill-Kunsill mill-MEPA dwar UIF għall-proġett Kalamija, s-Sindku qal li għad ma rċevejna xejn. Issa ser ninfurmaw liċ-Chairman ukoll. UIF - Bilanċ

**2.17** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li twaħħlet il-*bollard* fit-tarf ta' Sqaq Brittaniku u kopja taċ-ċavetta ingħatat lil wieħed mir-residenti. Sqaq Brittaniku

**2.18** Is-Sindku qal li battalna mill-ilma x-xelter li jinsab fi Sqaq Brittaniku permezz ta' ħaddiema assenjati mal-Kunsill Lokali u ħaddiema ta' ELC. Xelter

**2.19** Is-Sindku rrakkomanda, u l-Kunsill approva li, tinbidel il-gradilja tal-ħadid għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita li tinsab fi Triq il-Kbira k/m Triq Palma. Din ser tinħadem minn Mario Peplow għall-ispiża ta' €360. Gradilja għall *Culverts*

**2.20** Ringrazzjament mingħand il-Kappillan għall-koperazzjoni tal-Kunsill fit-twettieq tal-Lejla Tarxiniża. Ringrazzjament

**2.21** Talba mingħand il-Kumitat tal-Festa Marija Annunzjata sabiex isir it-tiżjin tat-toroq fi żmien il-Milied. Tiżjin tat-toroq

**2.22** Is-Sindku qal li ġie rtirat ħaddiem tal-ETC mill-Iskema ta' Xogħol fil-Komunita' li kien assenjat ma' dan il-Kunsill Lokali minħabba suspett ta' każ gravi. Ħaddiem tal-ETC

**2.23** Il-Kunsill approva unanimament li jipparteċipa fl-inizjattiva ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-kumpanija VODAFONE (Memo 118/2010). Memo 118/2010

2.23.1 Il-proġetti applikabbli li l-Kunsill issottometta huma : Ġnien Ovindoli, Ġnien Kunsill Lokali 2000, Bandli għat-tfal żgħar, Sqaq Brittaniku u Triq Birbixkilla.

**2.24** Ġie ppreżentat ir-rapport mingħand il-Kumpanija ECONING dwar SEAP (Sustainable Energy Active Plan) li ġie kkupjat lill-Kunsillieri kollha permezz ta' email. Rapport SEAP

2.24.1 Ġie deċiż li nitolbu lir-rappreżentant tal-Kumpanija ECONING biex jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill tal-14 ta' Ottubru sabiex jagħti spjegazzjoni dwar ir-rapport.

## *3.0 Affarijiet Finanzjarji*

**3.1** Il-Kunsill approva nem. con. l-iskeda ta' pagamenti li tammonta għall-€10877.72 li ġiet iffirmata mis-Sindku (App. 2).

3.1.1 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku, is-Seg. Eżek. wieġeb li l-Iskeda preċedenti Nru 08/10 ġiet imħallsa kollha bil-kundizzjonijet indikati.

**3.2** Il-Kunsill approva nem. con. rifużoni ta' ħlas minħabba l-użu tal-karozza tiegħu fuq xogħol tal-Kunsill lis-Segr. Eżek. l-ammont ta' € 26.

**3.3** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna l-ammont ta' €3700 bħala l-bilanċ dovut mill-Iskema "Energy Saving 2009". L-ammont globali li rċieva l-Kunsill hu ta' €7400.

**3.4** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċevejna €11350 mingħand il-WSC bħala ħlas dovut għal *Reinstatement* ta' toroq matul is-sena 2007 skont il-ftehim milħuq mill-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali.

## *4.0 Rapport dwar il-Ħidma tal-Kunsillieri*

**4.1.0** **<u>Rapport mill-Viċi Sindku Frans Agius</u>**

4.1.1 Il-Viċi Sindku F. Agius qal li l-Attivita' Kulturali għall-Vitorja tħassret minħabba li ma kienx hemm konkorrenza.

4.1.2 Is-Sur Agius qal li l-applikazzjonijiet għall-korsijiet ta' Ingliż u Malti bażiku għadhom miftuħa.

4.1.3 Il-Viċi Sindku qal li għadu qed jistenna risposta mid-Dipt. dwar il-korsijiet tal-Bizzilla u Filigrano.

4.1.4 Qal li attenda f'isem is-Sindku għall-European Social Fund dwar adulti fid-dinja tax-xogħol. Ser ikun hemm ukoll korsijiet għall-kummerċjanti. Il-fondi ser ikunu 85% mill-iskema u 15% mill-Kunsill Lokali konċernat li qed jiġi kkalkulat li l-Kunsill joħroġ madwar €1500. Il-Kunsill Lokali Rabat għandu l-inkarigu għal din l-inizjattiva.

Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw

**4.2** **<u>Rapport mill-Kunsillier Lawrence Bonavia</u>**

4.2.1 Is-Sur L. Bonavia qal li għal darb'oħra qed joffri s-servizz tiegħu meta jkollna s-sejħa biex nagħtu t-tilqima kontra l-influwenza.

Is-Sindku rringrazzjah.

**4.3 Rapport mill-Kunsillier K. Darmanin**

4.3.1 Is-Sur K. Darmanin qal li saret il-laqgħa għal Zona 4 tan-*Neighbourhood Watch* għat-toroq G. Montebello, L. Gonzi, Kutnent, F. Crispi, u tal-Barrani. Intgħażlet il-kordinaztriċi.

4.3.2 Kompla jgħid li ser issir laqgħa għal zona 7 għat-toroq Kurunell Mas, 25 ta' Marzu, il-Witja, Ħal Għarrat, Odilone Caruana, Gużeppi Cali', u 29 ta' Mejju 1592, nhar l-4 ta' Ottubru.

4.3.3 Fit-8 ta' Ottubru ser issir laqgħa għar-residenti tat-toroq Dejma u San Tumas.

4.3.4 Is-Sur Darmanin qal li għad m'għandux risposta għaż-żjara li s-Sotto Kumitat Żgħażagħ u Sport ser jagħmlu lill-President ta' Malta.

4.3.5 Qal ukoll li qed jippjana żjara taż-Żgħażagħ lill-faċilita' korrettiva ta' Kordin. Ser tinkiteb ittra lid-Direttur.

4.3.6 K. Darmanin qal li qed ifassal f'isem il-Kunsill attivita' għal nhar il-Ħadd 26 ta' Settembru bejn id-9.00am u 12.30 pm li tinkludi wirja ta' karozzi "Minis' ta' residenti Tarxiniżi u wara sfilata fit-toroq tar-raħal. Din il-wirja ser issir fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali fejn isir diskors qasir mis-Sindku u tingħata tifkira u xi drinks. Il-Kunsill qabel ma' din l-attivita'.

**4.4 Rapport mill-Kunsilliera D. Vella**

4.4.1 Is-Sinj. D. Vella qalet li ser tagħmel laqgħa tas-sotto Kumitat biex issir ikla jew coffee morning.

4.4.2 Hi talbet lill-Kunsill jippjana attivita' għat-tfal għal żmien il-Milied.

**4.5 Rapport mis-Sindku Kav. P. Farrugia**

4.5.1 Is-Sindku ta rendikont tal-Attivita' għall-anzjani.

4.5.2 Kopmpla jgħid li ser jagħmel dawn l-Attivitajiet għall-anzjani :

Fit-30 ta' Settembru – Coffee Morning
Fis-27 ta' Ottubru – Breakfast
Fis-17 ta' Novembru – Coffee Morning
Fis-7 ta' Diċembru - Ikla

4.5.3 Qal ukoll li fit-28 ta' Diċembru ser issir l-attivita' għal Premju Anzjan Tarxiniż.

## *5.0 Ħwejjeġ Oħra*

**5.1** Is-Sindku qal li nhar is-Sibt ser issir żjara mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni fiċ-Ċentru Komunitarju. Il-Kunsillieri kollha huma mitluba biex jattendu.

**5.2** Is-Sindku qal li għandu talba biex Triq id-29 ta' Mejju 1592 issir *one-way* lejn Triq San Anard. Ser issir applikazzjoni lit-TM.

## *6.0 Għeluq tal-Laqgħa*

**6.1** Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm.

**6.2** Laqgħa oħra ser tkun il-Ħamis 14 ta' Ottubru 2010.

| | |
|---|---|
| *Maurice. L. Mallia*<br>*Seg. Eżek.* | *Kav. Paul Farrugia*<br>*Sindku* |

mn22-06 (16 Sett 2010)/minuti/ag